FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 26 TA' FRAR, 2002**

**Numru:**

**Avviz Nru: 1595/01 JB**

**Emanuel Aguis A & CE**

**vs**

**Emanuel Degiorgio**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal- konvenut ghall-hlas ta' Lm420 (mitejn u ghoxrin lira Maltin) rappresentanti kera tal-garage 'Lino', Triq Gerry Zammit, Msida ghall-perjodu bejn il- 15 ta' Dicembru 2000 u 14 ta' Dicembru 2001, liema garage l-attur jikri lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra bonarja datata 16 ta' Ottubru, 2001 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' cessjoni pprezentata mill-attur fl- 21 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha ceda t-talba tieghu ghas-sorte stante l-pagament ta' l-istess waqt il-mori tal-kawza pero zamm ferm il-kap tal-ispejjes,

Sema bil-gurament li l-ispejjez ghadhom dovuti minn Dr. Wayne Pisani;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ispejjes bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**